**4 ta' Settembru, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

John Vella

## Ordni ta' Qorti Ċivili

*Jekk persuna tonqos milli tobdi ordni tal-Qorti Ċivili, ir-rimedju hu wieħed purament ċivili, senjatament permezz tal-proċedura għal disprezz, iżda dak il-fatt per se ma jammontax għal ebda reat. Il-Qrati tagħna qatt ma ġew ikkunsidrati, la mil-leġislatur u anqas minnhom stess, bħala awtorità inkarigata minn servizz pubbliku fis-sens ta' l-artikolu 338 (ee) tal-Kodiċi Kriminali, tant li l-leġislatur kellu jilleġisla speċifikatament fil-każ ta' ordnijiet tal-Qrati fir-rigward ta' manteniment u access għat-tfal.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra John Vella talli fil-5 ta' April, 1996 u fis-6 ta' April, 1996 naqas li jobdi ordni mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Superjuri Ċivili, nru. 451/1996 fl-ismijiet **John Dodds *vs* John Vella *pro et noe***, liema ordni kienet li tipprojbixxi milli titwaħħal xatba quddiem il-proprjetà ta' Alfred Keck ta' 31, Cross Street, Qala, Għawdex; l-Ewwel Qorti kienet mitluba sabiex tordna t-tneħħija ta' l-inkonvenjent fi żmien mhux aktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, taħt penali ta' mhux aktar

minn għaxar liri (Lm10) għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas, jew li l-inkonvenjent jiġi mneħħi mill-pulizija a spejjeż tal-ħati;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) ta' l-1 ta' Lulju, 1998, li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi John Vella ħati skond l-imputazzjoni kif dedotta u, wara li ċċitat l-artikolu 338 (ee) tal-Kap. 9, ikkundannatu għall-ħlas ta' ammenda ta' ħamsa u għoxrin lira (Lm25) u ordnatlu jneħħi l-grada meritu tal-kawża fi żmien jumejn taħt penali ta' għaxar liri (Lm10) ammenda kuljum fin-nuqqas *ai termini* ta' l-artikolu 377 (3) tal-Kap. 9;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess John Vella, minnu ppreżentat fis-16 ta' Lulju, 1998, li permezz tiegħu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum, 4 ta' Settembru, 1998; ikkunsidrat:

Din il-kawża, li ċ-ċitazzjoni relattiva tagħha ħarġet fl-4 ta' Ġunju, 1996, kellha tiġi deċiża fi kwistjoni ta' ftit minuti mill-Qorti Inferjuri u dan għas-sempliċi raġuni li l-fatti kif miġjuba f'dik iċ-ċitazzjoni ma jipottizzaw ebda reat. Fi kliem ieħor, il-fatti imputati ma fihomx l-elementi ta' reat (artikolu 413 (1) (iv) (i) tal-Kodiċi Kriminali). Jekk l-imputat (illum l-appellant) verament naqas li jobdi ordni ta' Qorti Ċivili - f'dan il-każ ordni kkontenut f'mandat ta' inibizzjoni - ir-rimedju kien wieħed purament ċivili, senjatament permezz tal-proċedura għal disprezz, iżda dak il-fatt per se ma kien jammonta għal ebda reat. Il-paragrafu (ee) ta' l-artikolu 338 tal-Kodiċi Kriminali ma għandu x'jaqsam xejn mal-fatti kif imputati, il-Qrati tagħna qatt ma ġew ikkunsidrati, la mil-leġislatur u anqas minnhom stess, bħala awtorità inkarigata minn servizz pubbliku fis-sens ta' din

id-disposizzjoni, tant li l-leġislatur kellu jilleġisla speċifikatament fil-każ ta' ordnijiet tal-Qrati fir-rigward ta' manteniment u aċċess għat-tfal (ara l-paragrafi (ż) u (ll) ta' l-imsemmi artikolu 338). Ikun għalhekk *inutili li wieħed joqgħod* jidħol fl-argumenti konfużi u mħawda miġjuba mir-rikorrent fir-rikors tiegħu;

Għall-motivi premessi tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.